Dok 11

MINISTERU GĦALL-INTERN
U S-SIGURTA NAZZJONALI

MINISTRY FOR HOME AFFAIRS
AND NATIONAL SECURITY

MALTA

**Bord Indipendenti għall-Ilmenti Dwar il-Pulizija**

**Independent Police Complaints Board**

Illum, 2 ta' Marzu 2018

Lill-Onorevoli Chairperson
Kumitat Parlamentari dwar l-Affarijiet Socjali
Kamra tar-Rapprezentanti
Il-Parlament
Valletta

Għażiża Chairperson,

Qiegħed nippreżentalek kopja tar-Rapport Annwali dwar il-ħidma tal-*Bord tal-Pulizija* u tal-*Bord Indipendenti għall-Ilmenti Dwar il-Pulizija*. Ir-Rapport ikopri l-ħidma tal-Bord matul is-sena 2017.

Dan jinsab maqsum fi tnejn:

1st January - 12th May 2017 - Bord tal-Pulizija

12th May - 31st December 2017 - Bord Indipendenti għall-Ilmenti Dwar il-Pulizija.

Inselli għalik,

John Spiteri M.Ed. Admin. & Man.
Segretarju
Bord Indipendenti għall-Ilmenti Dwar il-Pulizija

# BORD TAL-PULIZIJA TA' MALTA

## RAPPORT ANNWALI TA' ĦIDMA GĦAS-SENA

## 1 ta' Jannar – 12 ta' Mejju 2017

## INTRODUZZJONI

**Il-ħidma tal-Bord tal-Pulizija. Rapport Annwali għas-Sena 2017.**

It-twaqqif ta' dan il-Board sar permess tal-Att numru XIII tas-sena 2002 u kellu l-għan li jipprovdi strument li jagħti jedd liċ-ċittadini li jressqu quddiemu xi lment meta jħossu ruħhom aġġravati b'nuqqas ta' azzjoni, jew li jkun sar xi nuqqas fil-konfront tagħhom minn xi membru tal-Korp tal-Pulizija. Dan japplika wkoll għall-istess membri tal-Korp li jikkonsidraw li kienu ġew imċaħhda minn xi dritt, li tkun saret xi forma ta' inġustizzja magħhom jew li fl-opinjoni tagħhom ikunu saru jew ittieħdu passi amministrattivi li jpoġġuhom fi żvantagg. Permezz ta' dan l-Att, dawk il-persuni li qed iservu xi sentenza korrettiva jistgħu wkoll iressqu l-kwerela tagħhom xejn inqas minn kull persuna oħra.

Quddiem dan il-Bord jitressqu wkoll każijiet meta l-awtoritajiet jiġu ffaċċati b'sitwazzjoni li tkun tinvolvihom bħala parti interessata, u allura biex jiġi evitat konflitt ta' nteress u biex ikun hemm iżjed imparzjalità u trasparenza, dawn jirrikorru għandu għal eżami tal-kaz. Wara li ssir investigazzjoni skond il-prinċipji tal-gustizzja, l-Bord bhala arbitru jasal għal deċizzjoni u jagħmel rakkomandazzjoni finali.

**Kif huwa rikjest mill-imsemmi Att, kopja tar-Rapport Annwali ta' Ħidma trid tintbagħat lill-Onor. Ministru tal-Intern u Sigurtà Nazzjonali, lill-Kumitat dwar l-Affarijiet Socjali tal-Kamra tar-Rappreżentanti kif ukoll lill-Kummissarju tal-Pulizija.** Il-Bord tal-Pulizija issa ilu jiffunzjona għal dawn l-ahhar ħmistax-il sena, u kien twaqqaf bl-iskop li jiddaħħal fil-pajjiż kunċett ta' imparzjalita' u trasparenza fl-operat tal-Korp tal-Pulizija. Il-Bord huwa wieħed indipendenti u għal kollox separat mill-Korp, tant li jwieġeb biss għall-E.T. Il-President tar-Repubblika li tawtorizza l-ħatra tal-membri tiegħu.

**Matul din is-sena il-ħidma ta' dan il-Bord intemmet permess ta' ligi ġdida li bdiet tiffunżjona fit-12 ta Mejju 2017.**
**Mit 12 ta' Mejju 'l-quddiem inħoloq Bord ġdid imsejah:**
**'Bord Indipendenti għall-Ilmenti Dwar il-Pulizija'**

## PROCEDURA BIEX JINFETAH KAZ

Biex cittadin iressaq ilment quddiem il-Bord irid dejjem jaghmel dan bil-kitba, u m'hemm l-ebda diffikulta li ser jidħol f'xi spejjes għaliex semplici ittra tkun bizzejjed. Mill-esperjenza tal-passat, wiehed jinnota li quddiem il-Bord jaslu kwereli minn kull kategorija ta' cittadini Maltin u residenti barranin, fosthom professjonisti, turisti, studenti u membri tal-Korp.

L-istess Bord huwa wkoll awtorizzat li jiehu l-inizjattiva li jiftah huwa stess każ li jkun sar magħruf minnu, meta jkun jidher li hemm xi nuqqas ta' azzjoni, abbuż, jew agir esagerat minn xi membru tal-Korp.

Hafna drabi min iressaq ilment, li fih irid ikollu nteress personali, jkun bizzejjed ta' sodisfazzjon għalih li huwa jircievi apologija, u/jew jinghata xi forma ta' kumpens xieraq jew li jittiehdu passi dixxiplinari kontra xi membru tal-Korp li jkun involut fin-nuqqas.

## KOMPOZIZZJONI TAL-BORD

**Bejn l-1 ta'Jannar u t-12 ta'Mejju 2017 il-Bord kien kompost kif jidher hawn taht:**

**Chairman:** L-Onor. Dr Franco Depasquale, K.C.S.G., B.A., LL.D.

**Membru / Segretarju:**
Is-Sur John Spiteri M.Ed. Admin. & Man.

**Membri:** Dr David Farrugia Sacco B.A. (Leg. & Hum.), M.A. (Fin. Serv.), LL.D.
Dr Deandra Schembri LL.D

Is-Sinjura Marica Caruana Smith

## FUNZJONIJIET TAL-BORD

Il-funzjonijiet tal-Bord tal-Pulizija jinstabu elenkati fid-dettal fl-Att Nru XIII tal-2002 f'paragrafu 49.

Fost hwejjeg ohra dan l-imsemmi Att, jipprovdi wkoll ghas-sorveljanza dwar proċeduri nterni fi hdan il-Korp, u dwar ir-relazzjoni tal-Korp mal-pubbliku. Ninuttaw li l-Bord jista' jintalab mill-istess Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll mill-Ministru responsabbli mill-Pulizija biex jinvestiga xi każ jew xi allegat nuqqas specifiku, bhal ma ġara din is-sena stess f'ilment imressaq quddiem il-Board.

L-Att XIII tal-2002 jipprovdi li l-Bord tal-Pulizija ghandu jiltaqa' mill-inqas darba fix-xahar, madankollu matul din is-sena wkoll, bhalma dejjem sar fis-snin preċedenti, l-Bord kellu jiltaqa' aktar spiss min hekk, dan sabiex ikun jista' jaqdi sewwa l-funzjonijiet u l-hidma mehtiega fuq il-kazijiet li jkollu quddiemu flimkien ma' dawk li jaslu ġodda.

**Numru ta' kazijiet ġodda matul is-sena 2017 (Jan / Mejju) - 04**

**Numru ta' kazijiet magħluqa matul is-sena 2017(Jan / Mejju) - 03**

| Referenza tal-Kaz. | Rimarki | |
|---|---|---|
| PB/07/2016 | Magħluq | Unjustified |
| PB/12/2016 | " | Unjustified |
| PB/08/2016 | " | Justified |

**In-numru ta' laqghat li saru bejn Jannar u Mejju ta' l-2017, kienu maqsumin hekk:-**

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Jannar | 1 | Frar | 1 | Marzu | 1 | April | 1 |
| Mejju | 2 | | | | | | |
| | | | | | | | |

Total ta' 6 darbiet.

**Nota:**

**Ta' min issemmi li matul dawn ix-xhur il-Bord kien okkupat ħafna bil-Każijiet li tqajjmu min numru kbir ta' Surgenti u Surgenti Magguri li ħassewhom imwegga wara li bdew jiġu implimentati ir-rakomandazzjonijiet tar-Rapport tal-*'Grievances Unit'***

**In-numru ta' każijiet kien ta: 33**

**Ir-Rapport tal-Bord dwar dawn il-Każijiet kollha jinsab konkluz iżda ma jistax jiġi ppublikat minħabba li l-Bord ma għadux jiffunzjona wara li daħlet fis-seħħ il-Liġi l-Ġdida.**

Waqt dawn il-laqghat tal-Bord, u meta kien hekk meħtieg u sabiex jiġu iċċarati xi punti dwar xi lment, il-kwerelant u anke persuni oħra, kemm tal-pubbliku kif ukoll tal-Korp tal-Pulizija gew imsejjha jidhru quddiem il-Bord biex jagħtu x-xhieda tagħhom u/jew jispjegaw ruhom aktar fid-dettal dwar dak li jkun inkiteb jew sar. Dan kien evidenti ħafna fil-każ PB/ 07/2106, fejn interpretu kien majjat tlett darbiet sabiex tiġi iċċarara evidenza li tqajjmet min persunu oħra involuti fil kaz.

Kull kwerelant, ukoll jekk ikun ufficjal tal-Korp, jista' jaghzel li jigi assistit fid-difiza tieghu anki minn avukat difensur, bħal ma kienu numru ta kazijiet magħluqa matul dawn ix-xhur. Ninotaw ukoll li fil-kazijiet fejn fiħom ikunu imsejha membri tal-Korp, dawn qed ikunu assistiti min membri tal-*'Union'* tal-għazla tagħhom.

B'dan il-mod il-Bord jisma' u jevalwa l-fatti u c-cirkostanzi kollha dwar il-kwerela quddiemu, halli jasal biex jikkonsidra l-fatti mressqa u ppruvati quddiemu, qabel jikkonsidra, japprova u jipprezenta r-rakkomandazzjonijiet finali tieghu.

## IL-ĦIDMA GENERALI

Minbarra l-attendenza tagħhom għall-laqgħat il-membri tal-Bord specjalment ic-'Chairperson' u s-Segretarju għandhom ukoll xogħol klerikali u amministrattiv li jrid isir qabel u wara dawn il-laqgħat, inkluz il-ġbir ta' dettalji u informazzjoni mill-Qorti u t-thejjija tar-rapporti u korrispondenza mehtiega.

Il-laqgħat tal-Bord jinzammu fl-ufficcju tieghu f'Nru. 194/2 Triq il-Merkanti l-Belt. Meta tinhass il-htiega li jiġu ċċarati ċerti dettalji importanti jew

ċirkostanzi li jgħinu fl-evalwazzjoni ta' każ, il-membri anki jmorru *on site* u jekk ikun meħtieġ jittieħdu ritratti halli l-każ ikun aktar spjegat.

Fit-2017, l-Bord kif kompost, kompla bil-laqgħat u l-ħidma normali tiegħu fuq xogħol pendenti u fuq xi kazijiet ġodda li kienu daħlu matul is-sena. Dejjem kienet ix-xewqa tal-membri tal-Board li l-ilmenti jiġu trattati u magħluqa fl-iqsar żmien possibbli, imma sfortunatament dan mhux dejjem possibbli. Fost ir-raġunijiet ewlenin għall-każi li jdumu s-snin pendenti, hemm dawk il-każi li magħhom ikun hemm marbutin kawżi quddiem il-Qrati, fejn il-Bord ikun kostrett jistenna li l-każ ikun deċiż. Kawża oħra ta' dewmien ġejja mill-fatt li numru ta' ittri mibgħuta mill-Bord lill-membri tal-Korp tal-pulizija jieħdu lż-żmien sabiex jiġu mwieġba. Dan hu ta' tfixkil u qtiħ ta' qalb kbir għax xogħol tal-Bord.

Il-Bord jinnota wkoll li numru ta' kwerelanti jonqsu milli jagħtu informazzjoni mportanti dwar il-proċeduri li jkunu għadejjin bihom fil-qorti jew bl-eżitu ta' dawn il-proċeduri. Dan jaffettwa ħafna x-xogħol tal-Bord speċjalment jekk l-eżitu fil-Qorti jkun kontra l-istess kwerelant. Dan hu ta' ħela ta' ħin għall-Bord, li minħabba li hu kompost minn ħames individwi ***'part time'*** u bla ebda riżorsi oħra, jsibha diffiċili li jaqdi id-doveri tiegħu kif jixtieq.

## Osservazzjonijiet

Il-Bord hu tal-fehma li għandu jkun hemm aktar komunikazzjoni bejnu u bejn il-Korp tal-Pulizija. Jinħtieġ aktar risposti u informazzjoni li ma għandiex tieħu żmien twil sakemm tintbagħat minn naħa tal-korp, u risposti dettaljati ta' kif ikun sar il-każ.

Wieħed mid-doveri tal-Bord hu ta' ***'Sorveljanza dwar proċeduri interni fi ħdan il-Korp'***. Biex dan iseħħ irid ċertament ikun hemm aktar ***fiduċja*** u komunikazzjoni bejn iż-żewġ naħat.

## Konkluzjoni

IL-Bord sar jaf li fil-liġi l-ġdida li kienet qed tiġi disskussa fil-Parlament kienu ser jiġu attwatti numru ta'tibdiliet fl'isem, fil-kompożizzjoni, d-doveri, u xogħol tal-Bord.

Ninottaw kif il-Bord qatt ma ġie ikkonsultat, sabiex jagħti l-veduti tiegħu dwar il-problemi li jiltaqgħa magħhom u dwar kif jaħseb li dawn jistgħu jkunu solvuti u kif il-liġi l-ġdida tista' tkun aħjar milli kienet ta' qabel.

Il-Bord sar jaf li kien gie 'itterminat' meta giet iffirmata l-Liġi l-ġdida u permezz tal-Gazzetta tal-Gvern li ppublikat it-twaqqif tal-Bord il-ġdid b'effett mill istess data. Il-Liġi l-antika giet *repealed* u dan mingħajr ebda provediment sabiex dawk il-kwereli preżenti jkunu jistgħu jitkomplew mill-Bord il-ġdid.

B'hekk b'effett mit-12 ta' Mejju 2017 gie imwaqqaf il-

**'Bord Indipendenti għall-Ilmenti Dwar il-Pulizija'**

L-Onor.
Dr F. Depasquale K.C.S.G., B.A., LL.D.

**Chairperson**

Is-Sur J. Spiteri M.Ed. Admin. & Man.

**Membru / Segretarju**

Illum: 31 ta' Jannar 2018.

## **'Bord Indipendenti għall-Ilmenti Dwar il-Pulizija'**

## RAPPORT ANNWALI TA' ĦIDMA GĦAS-SENA 2017

## 12 ta' Mejju – Diċembru 2017

Bl- introduzzjoni tal-Att XVIII tat- 12 ta' Mejju 2017 daħlet fis-seħħ liġi ġdida dwar il-Pulizija, li fost ħwejjeġ oħra waqqfet dan il-**'Bord Indipendenti għall-Ilmenti Dwar il-Pulizija'**.

Bis-saħħa ta' dan l-Att il-Parlament abroga il-Kapitolu 164 li kien fis-seħħ sa dik id-data u minfloku daħħal Att ġdid dwar il-Pulizija; ma saret ebda riferenza għall-Bord tal-Pulizija li kien jesisti skond il-Kapitolu 164 preċedenti li ma ssemmiex iżjed iżda ġie mwaqqaf bord ġdid bl-isem "Bord Indipendenti għall-Ilmenti dwar il-Pulizija"; fost il-kompiti ta' dan il-Board ġdid, insibu ħafna minn dawk li qabel kienu kompetenza tal-"Bord tal-Pulizija" preċedenti; iżda barra minn dawn ġie senjatament imdaħħal is-sub-artiklu (h) tal-artiklu 36 li għamel bidla sostanzjali fin-natura u fil-funzjonijiet ta' dan il-Bord, peress li issa ingħata il-mansjoni ta' Bord ta' Appell, bil-konsegwenzi li dawn id-deċizjonijiet iġibu magħhom.

Il-Bord tal-Pulizjia kien magħmul minn Chairman u erba' membri nominati mill-E.T. il-President ta' Malta u li setgħu jitneħħew biss wara Rizoluzzjoni tal-Parlament, waqt li 'l-Bord Indipendenti għall-Ilmenti dwar il-Pulizija huwa kompost minn Chairman u żewġ membri li jistgħu jitneħħew għall-istess raġunijiet, imma biss fuq il-parir tal-Onor Ministru mingħajr il-ħtieġa ta' Rizoluzzjoni Parlamentari. Iż-żmien ta' kemm il-membri idumu fil-kariga, ġie miżjud minn sentejn għal tlett snin. Is-Segretarju ma għadux membru tal-Bord.

Il-Bord tal-Pulizija kellu is-setgħa, minn rajh, li jindaga u jirraporta dwar xi materja li tirrigwarda il-Korp tal-Pulizija, waqt li 'l-Bord Indipendenti għall-Ilmenti jista' biss jagħmel dan jekk il-materja tkun ġiet lilu riferita mill-Onor. Ministru.

Il-Bord tal-Pulizija kellu il-ħtieġa li għall-laqgħat tiegħu jkunu preżenti almenu membru wieħed oltre in-nofs tal-membri, waqt li l-Att 164 kif mibdul ma jgħid xejn dwar dan il-quorum.

Il-Bord tal-Pulizija kellu d-dmir li jindaga u li jirrapporta fuq kull każ li kien jiġi mressaq quddiemu u kull opinjoni li kien jagħti kienet essenzjalment konsultativa; jekk ikun għamel xi rakkomandazzjoni, din

setgħet tiġi implimentata mill-Kummissarju jew ma tiġix; din għadha il-posizzjoni fil-każijiet li kienu jixbhu li dawk li l-Bord tal-Pulizija sema' għal aktar minn ħmistax-il sena.

Minn barra dawk il-funzjonijiet li jixbħu dak li kien isir qabel, l-Att il-ġdid introduċa wkoll funzjoni ta' appell mid-deċiżjonijiet meħuda mill-bord ta' dixxiplina tal-Korp; jiġi nnutat li 'l-Bord tal-Pulizija ma kienx jindaħal fid-deċiżjonijiet tal-bord ta' dixxiplina tal-Korp, anzi minn naħa l-oħra kellu l-obbligu li jsegwi dawn il-proċeduri nterni tal-Korp u saħansitra kellu il-jedd li jattendi għal dawn il-laqgħat ta' dixxiplina u jekk meħtieġ, jirraporta lill-Onor Ministru dwar dawn il-proċeduri.

Dan il-Bord Indipendenti issa ġie maħtur biex jisma' appelli li jistgħu isiru mid-deċizjonijiet tal-istes bord ta' dixxiplina, u dan għandu jagħmlu fi żmien sitt xhur. Ċertament deċiżjonijiet bħal dawn ma humiex ta' natura konsultativa għaliex il-Bord ma jkunx qed jagħti parir, imma jkun qed jiddeċiedi dwar sanzjonijiet li jkunu ġew imposti mill-Korp; hawn irid jiġi magħdud li bħal kull deċiżjoni li iġġib sanzjonijiet, dawn id-deċiżjonijiet jistgħu jiġu mistħarġa minn awtoritajiet superjuri skond il-liġi.

Fost ix-xogħol ġdid li l-Bord tal-Puliziija ma kellux, insibu l-obbligu tat-Taqsima Interna dwar l-Awditjar u Investigazzjonijiet, li kellha tiġi imwaqqfa fi hdan il-Korp, li hekk kif tirċevi xi ilment, tinforma kemm jista' jkun malajr lil dan il-Bord Indipendenti għall-Ilmenti. Jirriżulta li l-Korp diġa qed jibgħat din l-informazzjoni; għandu wkoll l-obbligu li jinforma lill-Bord b'dak li jkun ġara dwar dawn l-ilmenti.

Permezz ta' notifika fil 'Gazzetta tal-Gvern' tas-26 ta' Mejju 2017 il-Bord Indipendenti għall-Ilmenti dwar il-Pulizija jinsab kompost kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| **Chairperson:** | L-Onor. Dr Franco Depasquale, K.C.S.G., B.A., LL.D. |
| **Membri:** | Dr Deandra Schembri LL.D<br>Dr David Farrugia Sacco B.A. (Leg. & Hum.), M.A. (Fin. Serv.), LL.D. |
| **Segretarju:** | Is-Sur John Spiteri M.Ed. Admin. & Man. |
| **Staff Amministrattiv:** | Is-Sinjura Marica Caruana Smith |

Minħabba dan it-twessiegħ tal-funzjonijiet tal-Bord il-ġdid, l-Att ħaseb biex jipprovdi li l-Bord għandu jkun assistit minn Uffiċċju Legali u il-personel amministrattiv meħtieġ; jidher li għadhom għaddejjin il-proċeduri meħtieġa għall-impieg ta' dan l-istaff.

Minn wara n-nomina tagħhom il-Bord iltaqa' ħames darbiet matul is-sena 2017 fejn ġew diskussi d-diversi laqgħat li saru miċ-Chairman u s-Segretarju ħalli jsiru l-arranġamenti amministrattivi meħtiega biex il-Bord ikun jista' jiffunzjona skond dak li jipprovdi l-Att 165 kif mibdul.

## Konklużjoni

Il-Bord jixtieq li dawn il-problemi inizjali jkunu solvuti mill-aktar fiss possibbli sabiex ikun jista' jaqdi d-doveri tiegħu kif mitluba mill-liġi, fl-aħjar interess taċ-ċittadini Maltin.

L-Onor.
**Dr F. Depasquale K.C.S.G., B.A., LL.D.**

**Chairperson**

**Is-Sur J. Spiteri M.Ed. Admin. & Man.**

**Segretarju**

Illum: 27 ta' Frar 2018